MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Numru 163/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**Spettur Paul Caruana**
**V**

**GODFREY MASSA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GODFREY MASSA** ta' tmienja w tletin sena bin Alfred u Maria Dolores nee Casingena imwieled l-Fgura nhar l-erbgha ta’ April 1967 u residenti ‘Sunshine’, Triq il-Kavallieri ta’ Malta, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita numru 197767M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul x-xahar ta' Dicembru 2004 u fix-xhur ta' qabel f’Marsascala u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzjjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1. immanifattura jew ipproduca apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

2. talli mporta apparat mhux lecitu gewwa Malta ghal finijiet kummercjali;

3. talli qassam apparat mhux lecitu gewwa Malta jew minn Malta ghal finijiet kummercjali;

4. talli biegh jew ikkreja apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

5. talli kellu apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

6. talli nstalla, ghamel manutenzjoni fuq, jew irrimpjazza apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

7. talli kummercjalment ippromwova, qieghed fis-suq jew irreklama apparat mhux lecitu.

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni:

8. ha pussess ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni t'appogg jew ghamel uzu minnhom;

9. talli nstalla, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja jew zied ma xi *data, software* jew dokumentazzjoni t'appogg;

10. talli uza l-kodici ta' dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni t'identifikazzjoni ta' xi pesuna ohra f'computer.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil hati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja ta' Frar 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza titmexxa bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta ta' nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif jirrizulta waqt is-seduta ta' nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara seduta stante, li l-imputat ma kienx il-persuna li ghamel t-*tracking* fis-sistema.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena:

1. Ic-cirkostanzi tal-kaz in partikolari li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni tul dawn l-investigazzjonijiet odjerni, kif jirrizulta mill-verbal maghmul mill-prosekuzzjoni seduta stante u minn ezami taz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni esibiti fl-atti bhala dokumenti PS 3 u PS 4;

2. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

3. Illi ma kienx l-imputat odjerni li ttrakkja fis-sistema ezistenti biex gew *downloaded* xi *codes*.

Rat l-fedina penali kwazi netta tal-imputati b’reat wiehed registrat fuqha li jikkoncerna reat kontra l-Ordinanza tat-Traffiku li sehh fis-sena 1998 fejn inghata kundanna pekunjarja.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi u partikolarment l-artikolu 48A, 337C(1)(f)(i) tal-Kap 9 u l-artikolu 27(2) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat GODFREY MASSA hati tal-akkuzi kollha moghtija fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li, ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta’ tlett [3] snin mill-lum, oltre li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitt [100] lira maltin.**

**Tordna l-konfiska w id-distruzzjoni tal-oggetti esibiti fl-atti bhala dokumenti CSH 6 sa CSH 11 u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil Dottor Stephen Farrugia Sacco u dan dejjem a spejjez tal-imputat misjub hati.**

**Ghal dan l-ghan, ghalhekk il-Qorti tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifikata lil istess Direttur tal-Qorti Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------